# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 6**

**Avviz numru 1751/99/SM**

**Patrick Schembri**

**vs**

**Sammy Mallia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi likwidat rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-vettura BAE 253 naxxenti minn incident awtomobilistiku li okkorra fid-29 ta' Settembru, 1999 f'Independence Avenue, Mosta meta hu kien qieghed isuq il-vettura AAF 789 bi**

**traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u li kwindi hu jahti unikament ghall-incident in kwistjoni;**

2. **Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur ma jeccdix il-Lm500;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attur li waqt li kien qed isuq il-vettura numru BAE 253 hareg minn go Triq id-Dwar, Mosta, minghajr ma' osserva r-regolamenti tat-traffiku u habat mal-vettura numru AAF 789 misjuqa mill-eccipjenti go Independence Avenue, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti li dak il-hin kien qed isuq go triq principali meta gie milqut minn vettura li harget minn go triq laterali, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;**

3. **Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-2.30 ta' wara nofs inhar tad-29 ta' Settembru ta' l-1999 f'Independence Avenue, il-Mosta;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni AAF-789 misjuqa mill-konvenut Sammy Mallia u dik tal-marka Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni BAE-253 misjuqa mill-attur Patrick Schembri;**

**3. Illi kif jirrizulta anke mill-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura l-konvenut ghazel li jaqbez xarabank li kienet qed tnizzel xi passiggieri l-barra mill-linji ta' l-istage lilha assenjat u baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur biex jevita kollizjoni max-xarabank li saqlu f'salt;**

**4. Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-mitejn u tletin Lira Maltin, (Lm230.00,0), skond stima li jghamel referenza ghaliha l-istess attur fid-deposizzjoni tieghu a fol 34 u skond il-verbal konguntiv tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-21 ta' Marzu tas-sena 2002;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-attur kien qed isuq b'mod normali u skond ir-regolamenti tat-traffiku;**

**Illi l-konvenut jirrizulta li ma kienx prudenti bizzejjed u irreagixxa ghal xi dewmien, forsi anke ezagerat, li kien kostrett jissubixxi mix-xarabank;**

**Illi l-manuvra tal-konvenut li jaqbez xarabank – vettura ta' certa daqs – minghajr il-kawteli kollha necessarji li tali manuvra titlob biex il-konducent ma jesponix lilhu nnifsu jew lil haddiehor ghall-perikolu hi wahda azzardata u din il-qorti ma tistax ma tikkolax lill-konvenut bir-responsabbilitajiet kollha naxxenti mill-azzjoni tieghu;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Sammy Mallia responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Patrick Schembri fl-ammont ta' mitejn u tletin Lira Maltin, (LM230.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Sammy Mallia biex ihallas l-ammont hekk likwidat lill-attur Patrick Schembri bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**